A.L. 239 ta' l-2002

ATT TA' L-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI

(Att Nru. IX ta' l-1980)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) ta' l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni qed tippubblika l-korrezzjonijiet li ġejjin:-

Korrezzjoni għall-Att li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp. Att XXI ta' l-2001.

L-artikolu 56 ta' l-Att ta' l-2001 li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp għandu jiġi korrett kif ġej:

(a) fit-test Ingliż tiegħu, minflok in-nota marġinali tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "Transitory provision.";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "bil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 30" għandhom jidħlu l-kliem "bil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 32";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 5" għandhom jidħlu l-kliem "paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "bl-artikolu 35" kull fejn jidhru għandhom jidħlu l-kliem "bl-artikolu 37"; u

(e) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "bl-artikolu 33" u "artikolu 33" għandhom jidħlu l-kliem "bl-artikolu 35" u "artikolu 35", rispettivament.